# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

### ILLUM, it-Tlieta, 8 ta' Mejju, 2018

**Kawża Numru 26**

**Rik. Nru. 491/15JRM**

**RAMEL U ŻRAR LIMITED ( C - 13018)**

vs

**SCHEMBRI & SONS LIMITED (C - 4225)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-22 ta' Mejju, 2015, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (a) taqta' l-kawża mingħajr smigħ; u (b) tikkundanna lis-soċjeta` imħarrka tħallasha s-somma ta' erbgħa u tletin elf, wieħed u disgħin ewro u tlieta u tmenin ċenteżmu (€ 34,091.83), bilanċ ta' prezz ta' materjal fornut lilha, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż sad-data tal-ħlas effettiv;

Rat id-digriet tagħha tat-22 ta' Lulju, 2015[1], li bih tat lill-kumpannija mħarrka żmien biex tikkontesta l-kawża wara li sabet li l-istess kumpannija tatha raġuni tajba biex tħalliha tikkontesta l-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fl-24 ta' Lulju, 2015, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qalet li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni taħt l-artikoli 2149, 2151 u 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, qalet li lill-kumpannija attriċi m'għandha tagħtiha xejn;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2015[2], li bih idderiġiet lill-partijiet jitrattaw l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni qabel kull ħaġa oħra;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet dwar l-imsemmija eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat id-degriet tagħha tas-7 ta' Frar, 2017[3], li bih iddikjarat magħluqa l-istadju tal-provi, u fuq talba tal-avukati tal-partijiet, ordnat li t-trattazzjoni tal-għeluq issir permezz ta' Noti ta' Sottomissjonijiet, l-ewwel waħda titressaq mill-kumpannija mħarrka u l-kumpannija attriċi twieġeb għaliha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fid-29 ta' Marzu, 2017[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fil-31 ta' Mejju, 2017[5], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija mħarrka;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Ġunju, 2017[6], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni;

***Ikkonsidrat*:**

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' bilanċ ta' prezz ta' materjal mibjugħ. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "R&Ż") tgħid li s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf, tliet mija tmienja u erbgħin ewro, tnejn u disgħin il-ċenteżmu (€27,348.92) jirrappreżentaw bilanċ ta' prezz ta' ramel u żrar fornit

[1] Paġ. 23 tal-proċess
[2] Paġ. 28 tal-proċess
[3] Paġ. 112 tal-proċess
[4] Paġġ. 114 sa 126 tal-proċess
[5] Paġġ. 128 sa 141 tal-proċess
[6] Paġ. 144 tal-proċess

minnha lill-kumpannija mħarrka (minn issa ’l hemm imsejħa “S&S”) fuq talba tagħha stess, filwaqt li l-bilanċ ta’ sitt elef, seba’ mija, tnejn u erbgħin ewro, wieħed u disgħin ċenteżmu (€6,742.91) jirrappreżenta imgħaxijiet fuq l-istess somma. R&Ż stqarret li l-bilanċ dovut hu wieħed ċert u dovut, u li S&S ma kellha l-ebda raġuni tajba biex ma tħallasx dak minnha mitlub;

Illi S&S ma hijiex tal-istess fehma, u għal dan ir-Rikors Maħluf tilqa’ fil-mertu billi tgħid li hi m’għandha tagħti xejn lil R&Ż. Tilqa’ għat-talbiet attriċi wkoll billi tgħid li l-azzjoni attriċi waqgħet billi għadda ż-żmien li fih l-azzjoni setgħet titmexxa ’l quddiem;

Illi din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari mressqa minn S&S dwar il-preskrizzjoni, waħda ta’ sentejn[7] u t-tnejn l-oħra ta’ ħames snin[8];

Illi <u>bħala fatti rilevanti</u>, il-Qorti tibda biex tgħid li l-ammont mitlub fir-Rikors Maħluf jirreferi għal bilanċ li jmur lura sa minn qabel is-sena 2008[9]. Fi kliem S&S[10] (mhix kontrastata minn R&Ż), in-negozju ta’ bejniethom kien mifrux fuq medda ta’ snin, bejn is-sena 2002 u s-sena 2008, u li wara din l-aħħar sena ma kien hemm ebda negozju ieħor bejniethom;

Illi R&Ż tmexxi barriera u biċċa l-kbira tal-attivitajiet tagħha jirrigwardaw il-provvista ta’ materjal mill-istess barriera lil klijenti tagħha, xi drabi bi tpartit ma’ xogħol jew materjal ieħor;

Illi jirriżulta li fl-10 ta’ Novembru, 2009, R&Ż bagħtet ittra uffiċjali lil S&S sabiex tħallas il-bilanċ ta’ tmienja u għoxrin elf, mitejn u sitta u sittin ewro, u erba’ ċenteżmi (€28,266.04) bħala “refużjoni ta’ self somministrat lilha mill-mittenti” (jiġifieri minn R&Ż), filwaqt li f’Jannar 2010, l-istess ittra uffiċjali reġgħet intbgħatet b’korrezzjoni fejn ir-referenza għas-self ġiet mibdula f’“*bilanċ ta’ prezz ta’ żrar u materjal ta’ kostruzzjoni*”[11];

Illi S&S tiċħad li għandha tagħti xi flejjes lil R&Ż[12], u żżid tgħid li l-kummerċ ta’ bejniethom kien ingħalaq u ma kien baqa’ ebda debitu favur R&Ż[13]. L-istess tgħid l-*accountant* ta’ S&S li kien ntqal lilha mid-direttur tal-kumpannija mħarrka lura fis-sena 2009 meta l-kumpannija kienet irċeviet l-ittri uffiċjali msemmija aktar ’il fuq[14];

[7] Art. 2149 tal-Kap 16
[8] Art. 2151 u art. 2156 tal-Kap. 16
[9] Ara *statement* f’paġ. 14 tal-proċess
[10] Ara affidavit ta’ Frank Schembri f’paġ. 31 tal-proċess
[11] Ara ittra uffiċjali f’paġġ. 44 – 6 tal-proċess
[12] Ara ittra legali f’paġ. 33 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda ta’ Frank Schembri f’paġ. 51 tal-proċess
[14] Ara l-affidavit ta’ Rodianne Bonniċi, Dok. “RB1”, f’paġ. 32 tal-proċess

Illi, min-naħa l-oħra, R&Ż tmieri dan. Mill-provi mressqa minnha, hija tgħid li S&S kienet issuġġeritilha li dak li kien baqa' dovut jiġi paċut jew impartat permezz ta' materjal, jiġifieri planki tal-konkos[15]. Dan ingħad qabel is-sena 2012[16]. Fil-fatt hija tgħid li ntlaħaq ftehim f'dan is-sens u ressqet ukoll dokumentazzjoni li, fi kliemha, tgħid li juri u jixhed dan il-ftehim[17]. Il-ftehim kien jintlaħaq ma' impjegat ta' S&S, billi biċċa mill-materjal kienet tinqeda bih R&Ż innifisha, filwaqt li materjal ieħor kien jgħaddi direttament għand terzi[18];

Illi R&Ż fetħet din il-kawża fit-22 ta' Mejju, 2015;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u>, għall-finijiet tal-eċċezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni, il-Qorti tqis li S&S tistrieħ fuq tliet (3) dispożizzjonijiet differenti li jirreferu bejniethom għal żewġ (2) perjodi preskrittivi. Minħabba li l-preskrizzjonijiet imressqa minn S&S huma estintivi tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tiġi mibdija l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt[19]. Jibqa' l-fatt li l-preskrizzjoni hija istitut odjuż[20], u meta ġudikant jiġi mitlub jiddeċiedi fuq eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal għall-fehma tiegħu fuq l-fatti ċari u mhux fuq konġetturi. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess, dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita[21];

Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, għalhekk il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni[22]. Min-naħa l-oħra, hu mistenni mill-parti attriċi li tressaq prova biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka li għadda ż-żmien, u fost iċ-ċirkustanzi maħsuba mil-liġi li jiksru l-preskrizzjoni, wieħed isib it-talba b'att ġudizzjarju[23], l-għarfien tal-jedd mill-parti li kontra tagħha kien għaddej iż-żmien tal-preskrizzjoni[24], jew bi ħlas akkont[25]. Barra minn dan, ir-rinunzja għall-jedd li wieħed isejjaħ favurih il-preskrizzjoni jwassal wkoll għat-telf tagħha[26];

Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, S&S qiegħda tinvoka favur tagħha uħud mill-preskrizzjonijiet "il-qosra", għalhekk it-tħaddim ta' dawn id-dispożizzjonijiet partikolari għandu jingħata tifsira dejqa[27];

---

[15] Ara x-xhieda ta' Gaetano Abdilla f'paġ. 61 – 2 tal-proċess.
[16] Ara x-xhieda ta' Gaetano Abdilla f'paġ. 106 tal-proċess
[17] Ara Dokti. "RZL2" sa "RZL4" f'paġġ. 47 – 9 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "A" f'paġ. 7 tal-proċess għall-ammont ta' €6,390.56
[18] Ara x-xhieda ta' Gaetano Abdilla f'paġġ. 65 u 103 – 4 tal-proċess
[19] Baudry-Lacantinerie et Tissier, <u>*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione*</u> Cap XII. §364 paġ. 279. Ara wkoll l-Art. 2137 tal-Kodiċi Ċivili
[20] Dunod, <u>*Della Prescrizione*</u>, Cap. II, Paġ. 16 u App. Ċiv. **8.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Noel Ellul noe vs. Francis Vella***
[21] App. Ċiv. **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[22] App. Kumm **15.6.1964** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Vella*** (Kollez. Vol: **XLVIII.i.603**)
[23] Art. 2131 tal-Kodiċi Ċivili
[24] Art. 2133 tal-Kodiċi Ċivili
[25] Art. 2134 Kodiċi Ċivili
[26] App. Ċiv. **17.12.1976** fil-kawża fl-ismijiet ***Pius Grech et noe v s. Dr. Charles Xuereb et*** (mhix pubblikata)
[27] Baudry-Lacantinerie et Tessier, <u>*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione*</u> § 712

Illi hija wkoll fuq din l-għażla ta' S&S li l-Qorti trid tqis is-siwi tal-eċċezzjoni mqajma minnha. Kemm-il darba waħda jew oħra mill-eċċezzjonijiet jintlaqgħu, iwasslu biex l-azzjoni taqa' fil-konfront ta' dik il-parti li tkun ressqitha, u R&Ż attriċi titlef il-jedd li tkompli bil-proċeduri quddiem il-Qorti;

Illi S&S tibda biex tgħid li R&Ż tilfet il-jedd li tressaq it-talbiet tagħha b'kawża għaliex kienu laħqu għaddew aktar minn sentejn minn mindu l-azzjoni messha nbdiet. Fit-Tweġiba Maħlufa tagħha, S&S tinvoka l-artikolu 2149 tal-Kodiċi Ċivili, u aktar tard fl-istadju tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tispeċifika s-subartikolu (a) tiegħu bħala ċ-ċirkostanza li tgħodd għall-każ;

Illi għal dan l-argument, R&Ż tilqa' billi tgħid li l-artikolu 2149(a) tal-Kodiċi Ċivili ma jgħoddx għall-azzjoni mressqa minnha. Issostni li hi mhix kuntrattur tal-bini imma għandha impjant li jforni lill-klijenti tagħha b'ramel u żrar kontra l-ħlas tal-materjal hekk konsenjat;

Illi fid-dawl tal-provi mressqa fil-kawża sa dan l-istadju, il-Qorti hija ta' l-istess fehma li din id-dispożizzjoni partikolari ma tgħoddx għall-każ tal-lum. Dan tgħidu priniċipalment għaliex din il-preskrizzjoni tirrigwarda fornituri li jagħmel l-istess kuntrattur lil min ikun qed jibnilu, li ma jirriżultax li huwa l-każ f'din il-kawża. Din l-interpretazzjoni ssegwi wkoll dik mogħtija lil dan is-subinċiż mill-Qrati tagħna tul is-snin[28];

Illi għaldaqstant, l-ewwel eċċezzjoni preliminari mhix qiegħda tintlaqa', u dan iwassal ukoll għaċ-ċaħda tat-tieni eċċezzjoni preliminari billi l-artikolu 2151 jirreferi għall-eċċezzjonijiet il-"qosra" li jistgħu jitqajmu fuq l-applikabilita` żmien preskrittiv partikolari, magħduda magħhom il-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 2149, fost oħrajn;

Illi t-tielet eċċezzjoni preliminari hija dik imsejsa fuq l-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri l-preskrizzjoni ta' ħames snin, li fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha, S&S torbotha mas-subinċiż (f) tiegħu;

Illi jrid jingħad li għalkemm il-kelma "kreditu" taħt dan l-artikolu tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur. Jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta il-kelma "kreditu" msemmija fil-paragrafu (f) tiegħu għandha tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-oħrajn tiegħu[29]. Ta' min jgħid li ċ-ċirkostanzi kollha maħsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet għall-ħlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*;

[28] App. Ċiv. **27.01.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Formosa et noe vs Borġ pro et noe*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.210**) u r-referenzi hemm imsemmija. Aktar riċenti ara App. Ċiv. **29.4.2016** fil-kawża fl-ismjiet ***Vella Bros. Ready-Mix Limited vs John Vella***
[29] Ara P.A. GCD **9.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Ralph Naudi et vs Maltacom p.l.c.*** (mhix appellata)

Illi peress li l-preskrizzjoni "residwali" maħsuba taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kap 16 hija suġġetta għall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus[30]. Kemm hu hekk, ingħad li din il-preskrizzjoni tgħodd għal żewġ ordni ta' krediti: jiġifieri l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma l-flus[31];

Illi l-elementi kollha meħtieġa biex titqies eċċezzjoni bħal din jirriżultaw fil-każ preżenti, billi huwa magħruf li fil-kaz ta' bejgħ ta' materjal, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik maħsuba fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Il-kreditu pretiz minn R&Ż huwa wieħed li jaqa' fil-parametri tal-krediti maħsubin fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi;

Illi S&S tistqarr[32] li, filwaqt li huwa minnu li, bl-ittra uffiċjali mibgħuta lilha minn R&Ż fl-2009 (u li laqgħet in-notifika tagħha fl-14 ta' Jannar, 2010) kien hemm interruzzjoni taż-żmien preskrittiv tal-ħames snin, dan reġa' beda jgħaddi minn dakinhar u, sa ma R&Ż fetħet il-kawża kienu għaddew aktar minn ħames snin u R&Ż ma kienet ressqet l-ebda att ġudizzjarju ieħor kontriha biex bih setgħet terġa' twaqqaf iż-żmien preskrittiv;

Illi madankollu, S&S tibni d-difiża tagħha kontra l-preskrizzjoni eċċepita fuq ħlas akkont li sar fil-31 ta' Mejju, 2012, kif ukoll fuq il-fatt, mhux kontestat, li f'Jannar 2010, hija kienet bagħtet ittra uffiċjali lil S&S fejn talbitha l-ammont pretiż f'din il-kawża. Mill-provi mressqa minnha, jirriżulta li f'Jannar tal-2012, S&S ħarġet stima ("*quotation*") fuq isem R&Ż, fattura f'Mejju u "*certificate of conformity*" f'Ġunju tal-2012 marbuta mal-istess materjal, li jissarraf f'total ta' sitt elef, tliet mija u disgħin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€6,390.56)[33]. S&S tgħid li R&Ż naqset li tipprova li dak kien jirrifletti tpaċija kontra dak li seta' kien dovut lilha, filwaqt li R&Ż tisħaq li l-ammont ta' sitt elef, tliet mija u disgħin ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€6,390.56) naqqsitu mill-ammont li kien dovut lilha[34];

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib ukoll li S&S naqset li ssostni l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili billi ma wettqitx dak li jitlob minnha l-artikolu 2160(1) tal-istess Kodiċi. Ir-rappreżentant tagħha għall-ewwel qal li l-ammont kien imħallas (meta ma ressaq l-ebda prova tajba biex turi tali ħlas) u mbagħad, aktar'il quddiem, żied jgħid li kienet saret il-proposta li l-ammont ikun paċut. Iżda dawn iż-żewġ ċirkostanzi mhumiex dawk

[30] App. Ċiv. **7.2.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Saliba et vs Grech*** (Kollez. Vol. **XXXIII.i.397**)
[31] P.A. **19.10.1954** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud vs Pulliċino*** (Kollez. Vol: **XXXVIII.ii.588**)
[32] § 15 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha f'paġ. 117 tal-proċess
[33] Ara Dok. "RZL2" sa Dok. "RZL4" f'paġġ. 47 – 9 tal-proċess
[34] Ara paġ. 7 tal-proċess

li jitlob l-imsemmi artikolu biex tkun tista’ tirnexxi l-preskrizzjoni mqajma taħt l-artikolu 2156;

Illi l-Qorti, wara li qieset sewwa l-provi u l-argumenti mressqin s’issa quddiemha miż-żewġ partijiet, tasal għall-fehma li l-preskrizzjoni ta’ ħames snin ġiet fil-fatt interrotta bin-negozju u tpaċija li sar bejn iż-żewġ kumpanniji f’Mejju tal-2012. Għalkemm ma tressaq ebda dokument li juri xi arranġament bil-miktub li kien intlaħaq bejniethom, il-liġi dan ma titolbux[35]. Ikun biżżejjed li jintwera li kien hemm żewġt idjun ta’ żewġ partijiet lejn xulxin, b’wieħed joqtol lill-ieħor, mingħajr il-ħtieġa li d-debituri jkunu jafu li l-ammont ġie paċut;

Illi minħabba f’dawn iċ-ċirkostanzi, joħroġ li S&S naqset li tipprova kif imiss iż-żmien prekrittiv ta’ ħames snin, u dan iwassal biex it-tielet eċċezzjoni mressqa minnha wkoll ser tiġi miċħuda;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka dwar il-preskrizzjoni u ssib li l-kumpannija attriċi bdiet il-kawża fi żmien tajjeb u utili għaliha;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jkompli bil-ġbir tal-provi fil-mertu; u

**Tordna** wkoll li l-kumpannija mħarrka tħallas l-**ispejjeż** marbuta ma’ din id-deċiżjoni.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**8 ta’ Mejju, 2018**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**8 ta’ Mejju, 2018**

[35] Ara art. 1196 tal-Kodiċi Ċivili